MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 1022/1998/1

**Lino Pisani, ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Keramit**

**Vs**

**Adrian Debono ta' A.D. Services**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikun ikkundannat li jirrifondi ossija ihallas is-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin (Lm560) dovuti mill-konvenut bhala rifuzjoni tal-prezz ta' makkinarju ta' 'reverse osmosis' mill-konvenut mibjugha u kkonsenjati, prevja dikjarazzjoni illi l-istess bejgh gie mahlul bi ftehim bejn il-kontendenti, jew, fin-nuqqas, prevja dikjarazzjoni u ordni minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-bejgh tal-imsemmi makkinarju ghandu jigi mahlul.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Marzu 1998, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat mal-avviz, u bl-imghaxijiet legali, b'effett mid-data tal-hall tal-kuntratt tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li:

1. L-esponent qatt ma ghamel ebda ftehim ma' l-attur li l-bejgh jigi rexxis. Di fatti l-oggetti mibjugha baqghu ghand l-attur;
2. Illi fi kwalsiasi, kaz it-talba sussidjarja maghmula mill-attur ghal dikjarazzjoni fin-nuqqas illi l-bejgh ghandu jigi mahlul, m'hijiex ammissibbli stante li mhux possibbli li fl-istess kawza tressaq kawzali alternattivi;
3. Ili minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, il-bejgh kien validu u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn l-istess ghandu jigi rexxis.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in desamina skond kif risultanti mill-provi prodotti mill-partijiet huma is-segwenti:

1. L-attur, fl-'affidavit' sottomess minnu a fol 14 tal-istess atti spjega illi l-konvenut kien gie fix-'showroom' gestita mill-istess attur u kien ippropona lil-istess attur illi dan jbiegh, mix-'showroom' tieghu 'water purifiers' (Reverse Osmosis). Filfatt l-attur ammetta illi l-konvenut jgib wiehed bhala kampjun sabiex jigi esebit fl-istess 'showroom'. In rigward dan, skond ma xehed l-attur, il-konvenut kien spjegalu li 'kull ma kelli naghmel, kien li nbiegh dawn il-'water purifiers' ghaliex l-sitess konvenut kien ser jiehu

hsieb dak kollu involut fl-istallazzjoni. Inoltre l-konvenut kien assigurah li f'kaz ta' hsarat, hu kellu disponibbli l-'spare parts' necessarji u l-istess 'purifiers' kellhom garanzija ta' sena' u "f'kaz li jkun hemm xi problema hu (l-konvenut) kien ser jiehu hsieb biex jsolviha". L-attur kompla jixhed billi qal illi klijent tieghu, Mark Laferla kien xtara tnejn minn dawn l-impjanti li gew istallati. Sussegwentement, xi ftit granet wara l-istalazzjoni taghhom Anthony Busuttil, impjegat mal-istess klijent kien, informah illi, "… iz-zewg 'water purifiers' ma kienux 'up to standard' u ma kienux qed jahdmu tajjeb'. Wara l-attur kien '<u>sema</u>' illi l-konvenut ma kellux 'filters' ghal impjanti in kwistjoni liema 'filters in stock" kelhom jinbidlu kull tant zmien sabiex jigi salvagwardat il-kwalita tal-ilma prodott u, fin-nuqqas,l-istess ilma seta kien ta' periklu ghas-sahha tan-nies. Inoltre hu <u>semma</u>' l-istess klijent kien inkariga lil <u>xi hadd</u> mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex jesamina l-istess 'purifiers' u kien <u>sema</u>' illi l-klijent kien gie informat illi l-impjanti ma kienux 'up to standard' kif rikjest mid-Dipartiment imsemmi. Ghalhekk l-attur kien tkellem mal-konvenut dwar dan u l-konvenut kien qallu li s-socju tieghu cjoe tal-konvenut kien imsiefer, u li jekk '… il-klijent tieghu ma kienx kuntent hu kien lest li jiehu l-impjanti lura u jirrifondilu l-flus kollha li hallas". Ghalhekk l-attur, hekk assigurat, kien irrifonda lura lill-klijent, il-prezz kollu mhallas minnu lill-istess attur. Pero, sussegwentement, dejjem skond ma xehed l-attur, il-konvenut kien fi kliem l-attur 'biddel fehmtu' u kien qallu li hu ma kienx ser jiehu l-impjanti in kwistjoni u li ma kienx pront li jirrifondi l-prezz imhallas lilu mill-attur. Dan, skond l-attur kien intqal lilu mill-konvenut ghax dan sostna li l-impjanti kienu tal-livell rikjest. Fl-ahhar nett, hu semma' illi, permezz ta' cedola ta' depositu ppresentata fil-Qorti, hu kien iddikjara li kien qed jiddeposita l-istess impjanti 'ghand is-Sur Mark Laferla' presumibilment l-istess klijent.

Illi in sostenn tal-premess, l-attur ippresenta 'affidavit' ta' <u>Mark Laferla</u> u ta' <u>Anthony Busuttil</u> (fol 23 u fol 24 ibid). L-ewwel xhud, fis-sustanza, ikkonferma dak li xehed l-istess attur u specifika illi tekniku mibghut mill-istess konvenut kien ikkonferma lil Anthony Busuttil illi "… kien hemm bzonn li jinbidlu l-'filters' tal-'water purifiers' u li dawn

kellhom jigu mibdula kull tant zmien', liema tekniku kien qal, ukoll, illi l-istess 'filters' ma kienux in stock'. Inoltre semma' ukoll illi kien inkariga ufficjali mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex jezamina l-impjanti in kwisjoni u '… irrisulta illi dawn l-impjanti ma kienux ta' standard rikjest mid-Dipartiment tas-Sahha".

In rigward it-tieni xhud, li hu impjegat tal-istess klijent, dan qal li kien induna illi l-istess impjanti … 'ma kienux qed jahdmu sew'. Inoltre bniedem tekniku, mibghut mill-konvenut sabiex jezaminhom kien informa lix-xhud li '…. kien hemm bzonn li jinbidlu l-'filters' … liema 'filters' ma kienxu 'in stock'. Fl-ahhar nett, hu semma illi ufficjal tad-Dipartiment tas-Sahha, inkarigat minn Mark Laferla, kien qal li l-impjanti "… ma kienux ta' standard accettabbli ghad-Dipartiment".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> permezz ta' '<u>affidavit</u>' (a fol 29 u fol 30 ibid) u <u>in kontro ezami</u> (a fol 44 sa fol 46 ibid) xehed illi kien biegh zewg 'water purifiers' manifatturati f'Malta minn 'parts' importati mill-Germanja u mill-Amerika, lill-attur. Wiehed minnhom kien gie stallat fl-Ufficju ta' Laferla Insurance fl-Belt Valletta waqt li t-tieni wiehed ma kienx gie stallat peress li "… qaluli li l-kcina kienet ghadha ma tlestitx'. Dwar l-istess impjanti, il-konvenut cahad illi dawn ma kienux 'up to stantdard' kif allega l-attur. Inoltre hu sahaq illi ma kien hemm ebda ftehim li bih hu kien obbliga ruhu, verbalment, li jirrifondi l-prezz tal-istess impjanti mhallas lill-attur. Hu zied jghid illi l-attur qatt ma kien ilmenta mieghu li l-istess apparat kien ta' kwalita mhux tajba jew inferjuri. Difatti hu baqa' jsostni illi dak li kien qal Mark Laferla kienet biss skuza ' u li l-apparat ma kellu xejn hazin'. In rigward il-'filters' imsemmija dawn filfatt, kienu 'in stock' (ara pero dak li xehed fil-kontro esami) u kieku talbuna konna nipprovduhom b'dawn il-filters. Inoltre hu kien biegh lil diversi stabbilmenti 'water purifiers' tal-istess tip minghajr ma kien ircieva xi lment dwarhom u "… kull ma jkun hemm bzonn huwa servicing generali kull tant zmien'. In <u>kontro esami</u>, hu ikkonferma illi 'technician' mibghut minnu (Joseph Zammit jew Edward Sultana),

kien informah u kien qallu illi "… hemm bzonn filters fl-apparat izda jiena kont dispost li nixtri dawn il-filters jiena stess" anke "… billi jiena nixtrihom minn ghand haddiehor", liema filters kienu ghadhom disponibbli fis-suq avolja l-fabrika hawn Malta kienet ghalqet fin-1996. Dwar it-tieni apparat illi ma giex stallat, minhabba dan, '… dan sarlu hafna hsara…'

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi notat illi kemm meta xehed l-attur kemm il-persuni prodotti minnu , dawn fuq diversi punti xehdu 'detto del detto' ossija 'hearsay' u hekk ghandu jigi applikat dak li jinghad fl-artikolu 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad meta saret referenza specifika ghall-bniedem tekniku li kien inkarigat mill-istess konvenut u ghall-ufficjal tad-Dipartiment tas-Sahha, liema persuni facilment setghu jkunu identifikati u prodotti sabiex jixhdu dwar il-fatti in esami kif kostatati minnhom.

Ikkunsidrat

Illi, fix-xhieda li nstemghu permezz tal-procedura ta' 'affidavit' 'u prodotti mill-attur, jinghad illi l-impjanti in kwistjoni ma kienux 'up to standard' jew li ma jiffunzjonawx sew. Pero jidher,ukoll, illi l-unika fatt li jista' jinghd ili jirrisulta mill-istess xhieda hu illi kien hemm kontestazzjoni bejn il-partjiet dwar l-imsemmija 'filters' li, fil-fehma ta' din il-Qorti, setghu facilment jigu sostitwiti permezz ta' 'filters' li kienu disponibbli fis-suq ghall-konvenut, kif xehed hu stess skond kif xehed l-istess konvenut. Ghalhekk il-provi prodotti ghandhom jigu konsiderati bhala manifestament insufficjenti sabiex jigi pruvat illi l-konvenut biegh lill-attur impjanti ta' purifikazzjoni tal-ilma effetti minn difett mohbi jew mhux skond il-kwalita' pattwita.

Ikkunsidrat

Illi l-attur jallega li l-konvenut kien accetta li jxolji dan il-bejgh u jirrifondi l-flus ta' prezz imhallsin lilu. Fuq dan il-

punt kien hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut u l-Qorti ma setghetx issib xi prova, indipendenti mill-attur, li fuqha setghet tistrieh u tiddeciedi illi dan,effettivament gara. Dwar dan, ghandu jizdied, ukoll illi tali ftehim, jekk sar,ma giex espress almenu fi skrittura pruvata. Difatti l-artikolu 1233(d) tal-Kodici Civili jirrendi tali ftehim verbali dejjem jekk sar, null u bla ebda effett fil-ligi stante li ghandu n-natura ta’ transazzjoni (”any compromise”).

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta’ dak kollu premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------